

12.2.2019

A8-0032/77

**Emenda 77**

**Michael Cramer**

f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Rapport**

**A8-0032/2019**

**Roberts Zile**

Regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tas-servizzi tal-kowċ u x-xarabank  
(COM(2017)0647 – C8-0396/2017 – 2017/0288(COD))

**Proposta għal regolament**

**Premessa 6a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(6a) Biex ikun hemm kompetizzjoni  
ġusta u intermodali, il-Kummissjoni  
għandha tipproponi rieżamijiet tal-  
leġiżlazzjoni fl-oqsma tal-prezzijiet  
multimodali ġusti u effiċjenti, tad-drittijiet  
tal-passiġġieri u ta' standards soċjali  
aħjar għas-sewwieqa.***

Or. en

12.2.2019

A8-0032/78

**Emenda 78**

**Michael Cramer**

f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Rapport**

**A8-0032/2019**

**Roberts Zile**

Regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tas-servizzi tal-kowċ u x-xarabank (COM(2017)0647 – C8-0396/2017 – 2017/0288(COD))

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20**

Regolament (KE) Nru 1073/2009

Artikolu 28 – paragrafu 5

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

5. Sa mhux aktar tard minn [*please insert the date calculated 5 years after date of application of this Regulation*], il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Ir-rapport għandu jinkludi informazzjoni dwar sa liema punt dan ir-Regolament ikkontribwixxa għal funzjonament aħjar tas-suq tat-trasport tal-passiġġieri bit-triq.

5. Sa mhux aktar tard minn [*jekk jogħġbok daħħal id-data li tikkorrispondi għal 5 snin wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament*], il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Ir-rapport għandu jinkludi informazzjoni dwar sa liema punt dan ir-Regolament ikkontribwixxa għal funzjonament aħjar tas-suq tat-trasport tal-passiġġieri bit-triq. *Ir-rapport għandu jinkludi wkoll konklużjonijiet dwar l-effett ta' dan ir-Regolament fuq il-kompetizzjoni ġusta fi ħdan is-suq intermodali tal-passiġġieri u, jekk ikun xieraq, jipproponi titjib b'mod partikolari għad-drittijiet tal-passiġġieri, ipprezzar ġust, u għal standards soċjali u ta' sikurezza aħjar.*

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Wara l-2018, li l-UE pproklamat bħala s-sena tal-multimodalità, u abbażi tal-għanijiet u l-inizjattivi tal-White Paper dwar it-Trasport tal-2011, il-kompetizzjoni ġusta intermodali hija aspett kruċjali ta' din il-leġiżlazzjoni.*

AM\1176992MT.docx

PE635.319v01-00

